



24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1031/2009, imressqa minn António Manuel Ferro Terramoto, ta' nazzjonalità Portugiża, flimkien ma' 589 firma, dwar it-tniġġis u l-qerda taż-żona tan-natura protetta ta' Ria Formosa, li tinsab fil-Provinċja ta' Algarve, fin-Nofsinhar tal-Portugall**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jirreferi għat-theddida tal-qerda taż-żona ta' Ria Formosa fil-Provinċja ta' Algarve fin-Nofsinhar tal-Portugall. Ria Formosa, li hija żona b'bassasi u laguni uniċi tal-ilma mielaħ u li tipprovdni kenn u post għar-riproduzzjoni għal diversi għasafar migratorji u animali akkwatiċi, għet nominata bħala art mistagħdra ta' importanza internazzjonali skont il-Konvenzjoni Ramsar u għet elenkata wkoll fil-lista taż-żoni Natura 2000. Il-petizzjonant jinnota li ż-żona hija mhedda mit-tniġġis tal-ilma tad-drenaġġ u li l-awtoritajiet Portugiżi responsabbli qed jiksru d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi. Għaldaqstant jistieden lill-Parlament Ewropew biex jintervieni sabiex jiżgura li l-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE f'dan il-qasam tiġi implimentata tajjeb fir-rigward taż-żona tan-natura ta' Ria Formosa.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-11 ta' Novembru 2009. Il-Kummissjoni għet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

#### *Il-petizzjoni*

Il-petizzjonanti huma tal-opinjoni li t-trattament tal-ilma mormi taż-żona ta' Ria Formosa, fil-Portugall, jikkaġuna t-tniġġis ta' Ria u jhedded lill-istat ekoloġiku tagħha. Huma jiġbdu l-

attenzjoni wkoll għall-konsegwenzi ta' tali sitwazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-attività ekonomika marbuta direttament ma' Ria Formosa, bħall-produzzjoni tal-bivalvi.

Il-petizzjonanti jagħmlu referenza għal ilment preċedenti indirizzati lill-Kummissjoni b'suġġett simili mill-assoċjazzjoni "Somos Olhão".

Wara l-ispejgazzjonijiet mgħoddija mill-Kummissjoni, l-assoċjazzjoni "Somos Olhão" għaddiet informazzjoni supplimentari u studji li kellhom x'jaqsmu mal-implikazzjonijiet tal-funzjonament tal-impjanti tat-trattament taż-żona ta' Ria Formosa fuq il-kwalità tal-ilmijiet li jirċievu l-ilma mormi, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni tal-bivalvi. Wara li analizzat l-informazzjoni mgħoddija, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien meħtieġ li titlob kjarifiki supplimentari mill-awtoritajiet Portugiżi, kif sar fil-qafas tal-EU PILOT.

#### *Kummenti tal-Kummissjoni*

Wara l-analiżi tal-kjarifiki miġjuba mill-awtoritajiet Portugiżi, is-sitwazzjoni tista' tiġi spjegata fil-qosor hekk kif ġej:

Ria Formosa hija kklassifikata bħala żona sensittiva taħt id-Direttiva 91/271/KEE<sup>1</sup> tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi. Hija tiġbor fiha erba' agglomerazzjonijiet: Quinta do Lago (impjant ta' trattament wieħed), Faro (żewġ impjanti ta' trattament), Olhão (żewġ impjanti ta' trattament) u Tavira (żewġ impjanti ta' trattament). L-impjanti kollha ta' trattament jagħmlu trattament f'livell sekondarju flimkien ma' dizinfekzjoni, kif meħtieġ mid-Direttiva hawn fuq imsemmija. Skont ir-rapporti ppreżentati fil-qafas tad-Direttiva, għad hemm sitwazzjoni ta' nuqqas ta' trattament suffiċjenti f'Tavira. Għal din ir-raġuni, il-belt tagħmel parti mill-grupp ta' agglomerazzjonijiet Portugiżi fil-mira ta' proċedura ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni kontra l-Portugall ibbażata fuq in-nuqqas ta' ġbir jew ta' trattament adegwat tal-ilma tad-drenaġġ mormi fiż-żoni kklassifikati bħala żoni sensittivi fit-territorju Portugiż kollu. Il-każ wassal biex il-Qorti tal-Ġustizzja tieħdu f'idejha fis-6 ta' Mejju 2010.

L-awtoritajiet Portugiżi jqisu li t-trattament tal-ilma tad-drenaġġ taż-żona sar f'it aħjar matul dawn l-aħħar snin, u dan wassal għat-titjib kontinwu tal-kwalità tal-ilmijiet li jirċievu l-ilma mormi. Huma jikkunsidraw ukoll li l-istat ekoloġiku tajjeb ta' Ria jkun assigurat permezz tal-implimentazzjoni ta' għadd ta' pjanijiet u programmi, bħal dawn li ġejjin: Plano de Ordenamento da Orla Costeira de Vilamoura - Vila Real de Santo António, approvat fis-27 ta' Ġunju 2005; Plano de Ordenamento do Parque Natural da Ria Formosa, approvat fit-2 ta' Settembru 2009; Programa Estratégico do POLIS Litoral Ria Formosa (approvat fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri Nru 90/2008 tat-3 ta' Ġunju 2008; Plano de Gestão da Região Hidrográfica do Algarve li qed jitfassal fil-qafas tad-Direttiva 2000/60/KE ("id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma").

L-awtoritajiet Portugiżi spjegaw ukoll li l-tħama prodotta mill-impjanti ta' trattament ta' Ria Formosa, ħliet għal dawk ta' Faro Nascente u Olhão Poente, terġa' tintuża għal finijiet agrikoli.

---

<sup>1</sup> ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40-52

Għal dak li għandu x'jaqsam mas-sitwazzjoni tal-ilma tal-koltivazzjoni tal-molluski u l-produzzjoni tal-bivalvi, l-awtoritajiet Portugiżi pprovdew informazzjoni dwar in-numru u l-post tat-tankijiet tal-ħut u r-riżultati tal-istudji skont id-Direttiva 79/923/KEE<sup>1</sup> (ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski) u r-Regolament (KE) Nru 854/2004<sup>2</sup> (il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-bivalvi). Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, iż-żoni ta' produzzjoni kollha li jinsabu f'Ria Formosa huma kklassifikati B, jiġifieri li l-bivalvi prodotti jistgħu jinġabru u jintbagħtu għal proċess industrijali ta' trattament jew ipproċessar biex jitħejjew għall-konsum. Għall-kuntrarju, iż-żoni tal-koltivazzjoni tal-molluski ta' Olhão, Faro u Tavira, fejn hemm miġbura ż-żoni ta' produzzjoni (it-tankijiet tal-ħut), ma jissodisfawx il-parametri kollha stipulati mid-Direttiva, b'mod aktar partikolari l-valuri massimi dwar il-koliformi fekali u l-*Escherichia coli*.

### *Konklużjonijiet*

Minn dak li ntqal qabel jirriżulta li t-trattament tal-ilma tad-drenaġġ li ġej mill-agglomerazzjonijiet li jarmu f'Ria Formosa jidher li ġeneralment huwa sodisfaċenti u li l-Portugall ħa l-inizjattivi neċessarji biex jiżgura l-istat ekoloġiku tajjeb ta' Ria. Madankollu, anke jekk in-nuqqas ta' osservanza ta' ċerti parametri fir-rigward tal-ilma għall-koltivazzjoni tal-molluski mhuwiex tali li jhedded il-kummerċjalizzazzjoni tal-bivalvi prodotti fit-tankijiet tal-ħut taż-żona, il-Kummissjoni bħalissa qed teżamina s-sitwazzjoni fil-fond sabiex, fil-ħin dovut, tiegħu l-miżuri l-aktar xierqa sabiex ikun hemm tindif totali.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 79/293/KEE tat-30 ta' Ottubru 1979 dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski, ikkonsolidata mid-Direttiva 2006/113/KE tat-12 ta' Diċembru 2006.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, emendat mir-Regolament Nru 1666/2006 tas-6 ta' Novembru 2006, li ssostitwixxew id-Direttiva 91/492/KEE tal-15 ta' Lulju 1992, li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u l-ħruġ fis-suq tal-molluski bivalvi haġġin.